

Brussell, 17 ta' Frar 2025
(OR. en)

5194/25

CO EUR-PREP 1

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (20 u 21 ta' Marzu 2025) – Abbozz ta' aġenda annotata

F'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membru tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta lill-Istat Membru li għandu l-Preidenza ta' sitt xhur tal-Kunsill u mal-President tal-Kummissjoni, għandu jippreżenta abbozz ta' aġenda annotata lill-Kunsill Affarijiet Ġenerali.

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' aġenda annotata ppreżentata mill-President tal-Kunsill Ewropew, fejn huma mniżżlin il-punti ewlenin li l-Kunsill Ewropew mistenni jindirizza fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

Fid-dawl tad-diskussjoni finali li għandha ssir fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali fil-ħamest ijiem ta' qabel il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew għandu jfassal l-aġenda proviżorja.

I. UKRAJNA

Il-Kunsill Ewropew ser jindirizza l-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna fid-dimensjonijiet kollha tagħha u l-appoġġ sostnut tal-Unjoni għall-Ukrajna u l-poplu tagħha.

II. LVANT NOFSANI

Il-Kunsill Ewropew ser jiddiskuti l-aħħar żviluppi fil-Lvant Nofsani.

III. KOMPETITTIVITÀ

B'segwitu għall-konklużjonijiet tiegħu ta' April 2024 u d-Dikjarazzjoni ta' Budapest dwar il-Patt Ġdid dwar il-Kompetittività Ewropea, u fid-dawl tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Boxxla għall-Kompetittività" tad-29 ta' Jannar 2025 u b'appoġġ għall-innovazzjoni, l-investment, il-konverġenza, it-tkabbir, il-konnettività u r-reżiljenza ekonomika, il-Kunsill Ewropew sejjer b'mod partikolari:

- jappella għal sforzi fil-livelli kollha, mingħajr dewmien, biex jiġi żgurat qafas regolatorju ċar, sempliċi u intelliġenti u biex jitwettqu malajr it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi, regolatorji u ta' rappurtar għan-negozji fid-dawl tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-11 ta' Frar 2025;
- jappella biex jiżiedu l-isforzi kollha fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, sabiex tiġi żgurata l-provvista ta' enerġija abbondanti, affordabbli u nadifa u biex tinbena Unjoni tal-Enerġija ġenwina, b'mod partikolari billi s-suq tal-enerġija tal-UE jiġi integrat u interkonness bis-sħiħ;
- itenni s-sens ta' urġenza għal progress rapidu u deċiżiv fl-iżvilupp ta' Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti, b'enfasi partikolari fuq l-Unjoni tas-Swieq Kapitali, biex jiġi mobilizzat it-tfaddil, jiġu sfruttati l-investimenti meħtieġa u tiġi aċċellerata l-integrazzjoni finanzjarja, bl-għan ta' appoġġ għall-kompetittività tal-UE;

- jagħti kontribut u gwida lejn strateġija orizzontali tal-UE mistennija sa Ġunju 2025, biex jintuża l-potenzjal sħiħ tas-Suq Uniku;
- jappella biex isir progress fil-ħidma għall-iżgurar tat-tiġdid industrijali u d-dekarbonizzazzjoni tal-Ewropa u jiġi żgurat it-tkabbir tat-teknoloġiji ewlenin futuri, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-industriji tradizzjonali fi tranżizzjoni;
- iħeġġeġ aktar sforzi biex jissaħħu l-ħolqien, iż-żamma u r-rikonoxximent tal-ħiliet madwar l-UE;
- jindirizza l-prijoritajiet għas-Semestru Ewropew 2025, u jkun mistieden japprova r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro.

IV. IL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI LI JMISS U RIŻORSI PROPRIJI ĠODDA

Il-Kunsill Ewropew ser ikollu l-ewwel skambju ta' fehmiet dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss u Riżorsi Propriji ġodda.

V. MIGRAZZJONI

Il-Kunsill Ewropew ser jevalwa l-progress fl-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tiegħu dwar il-migrazzjoni.

VI. OĊEANI

Qabel il-Konferenza tan-NU li jmiss dwar l-Oċeani, il-Kunsill Ewropew ser jindirizza s-suġġett tal-oċeani fid-dimensjonijiet differenti tiegħu, anke fid-dawl tal-inizjattiva li jmiss mill-Kummissjoni dwar Patt Ewropew għall-Oċeani.

VII. RELAZZJONIJIET ESTERNI

Skont ġrajjiet li jseħħu, il-Kunsill Ewropew jista' jindirizza kwistjonijiet speċifiċi ta' politika barranija.
